# BIRKIRKARA MATUL L-AĦĦAR GWERRA XI TIFKIRIET

(minn Micheal Ellul, B.E.&A. Dip. Arch. (Rome), R.R. Hist.S. (London), A.&C.E.)

Din mhiex l-istorja ta' Birkirkara matul l-aħħar Gwerra Dinjija, iżda biss xi tifkiriet żgħar, 'l hemm u 'l hawn ta' wieħed li jiftakarha tajjeb bħala tfajjel u ġuvnott. Forsi l-ġrajja kollha għad tinġabar u tinkiteb fit-tul fi ktieb, kif jixirqilha, u dment li nies għaddew minnha għadhom ħajjin. Iż-żmien itir, u diġa' għaddew aktar minn erbgħin sena mill-agħar ġrajjiet tagħha. Bosta minn dawk li għexuha mietu, u oħrajn kibru sew. Nittama li fi żmien mhux fil-bogħod, xi storiku jikteb din il-ġrajja sħieħa ta' Birkirkara fil-gwerra, bħal ma ġa' inkitbet tat-Tliet Ibliet, l-Isla, Ħal Luqa, Tas-Sliema, il-Furjana, Għawdex, u xi oħrajn, b'mod serju u dokumentat, biex il-kbar jiftakru u ż-żagħżagħ jitgħallmu — mhux biex tiġġedded xi mibegħda lejn dawk li darba kienu egħdewwa, u illum ħbieb, iżda biex ġrajja importanti fil-ħajja ta' belthom ma tintesiex.

* * * * *

Il-gwerra li bdiet fl-1939 u baqgħet sejra sal-1945, u li ma tulha tmessew tista' tgħid il-pajjiżi kollha tad-dinja, ma faqqgħetx f'salt. Is-sħab iswed fis-sema internazzjonali kien ilu jiġma', u min kien jifhem kien jgħidilna li l-gwerra li konna ilna nisimgħu fuqha, ma kenitx biss theddida, iżda xi darba għad tasal tassew.

L-ewwel sinjali dehru fl-1935. Mussolini, il-kap tal-Gvern faxxista Taljan, kien tefgħa' għajnejh fuq l-Abissinja. Uħud mit-truppi tiegħu, li mill-Italja kienu jgħaddu mill-Kanal tas-Swejz għall-Eritrea u s-Somalja, kienu jagħmlu xi waqfa f'Malta. Dak iż-żmien konna noqogħdu l-Isla, u ta' tfal li konna, ma kienx jidħol vapur tat-truppi jew bastiment tal-gwerra li ma konniex niġru narawh mill-Ponta jew mix-Xatt. L-Ingliżi, beżgħana li wara l-avventura ta' l-Abissinja l-aptit ta' Mussolini se jikber, waqfulu bis-sħieħ. Kien l-ewwel beraq tal-maltempata li kienet riesqa. Il-flotta Ngliża fil-Mediterran issaħħet sew, iżda wara, ġiet irtirata lejn Lixandra.

Meta l-qagħda ċċarat, il-flotta reġgħet imliet il-portijiet tagħna. L-Ammiral żied in-nies fit-Tarzna, u l-qagħad naqas. Il-kelma 'gwerra' li kienet tinstema' spiss, għal mument tbiegħdet.

F-1936, bdiet ir-rivoluzzjoni u l-gwerra ċivili fi Spanja. It-Taljani u l-Ġermaniżi bdew jersqu lejn xulxin u jgħinu lil Ġeneral Franco, fil-waqt li l-Ingliżi bdew jissimpattiżaw mal-Gvern Liberali Spanjol, li kellu tendenzi qawwija komunisti. Għadni nara qisu l-bieraħ, mix-Xatt ta' l-Isla l-frejgati tal-gwerra Ngliżi bit-turrets tal-kanuni miżbgħua b'faxxi wesgħin ħomor, bojod u blu, biex jingħarfu mill-frejgati Spanjoli, u mill-ajruplani Taljani u Ġermaniżi li kienu dejjem iħufu warajhom. Il-qagħda reġgħet ħżienet, il-biża wkoll; iżda ftit wara erġajna ħadna n-nifs, u l-periklu tal-gwerra reġa' għal ftit warrab.

*ikompli*

Iżda fl-1938, bil-qawmien tal-Ġermanja ta' Hitler u l-kriżi taċ-Ċekoslovakkja, skond ma kienu jgħidulna l-kbar, naqraw fil-gażżetti u nisimgħu fuq il-ftit radjijiet li kien hawn, il-gwerra, wisq iżjed minn qabel, issa kienet imdendla b'xagħra. Il-biża' beda jsir realtà. Ix-xtut bdew idawruhom bil-barbed wire, it-taħriġ tal-isparar u tat-truppi sar aktar spiss, u żdiedu r-riġimenti, speċjalment dawk tal-kanuni. Tqassmu l-maskri tal-gass, skond il-qisien tal-wiċċ — għall-kbar, għat-tfal u anke għat-trabi. Konna morna niġbruhom, għadni niftakar tajjeb, mill-iskola tal-Gvern ta' l-Isla, u ta' tfal, konna nippruvawhom u nidħku b'xulxin u naraw min kien l-iżjed ikreh. Konna nieħdu gost naraw il-manuvri fil-port, bil-kanuni tal-fregati ippuntati 'l-fuq, fil-waqt li l-ajruplani kienu jippruvaw 'jattakaw' il-flotta. Ftit konna naħsbu li f'anqas minn sentejn konna se nduqu il-verità. Il-gwerra kienet dejjem hemm, tissajja, moħbija, lesta tfaqqa' fuq id-dinja ma' l-ewwel xrara.

Konna nisimgħu jgħidulna, li l-akbar periklu fi gwerra kienu l-portijiet, il-bliet madwar it-Tarzna, u madwar l-ajrudromi. Il-Gvern ħejja pjan ta' evakwazzjoni. Dawk li kellhom fejn imorru, u dawk li kellhom lil qrabathom jgħixu fl-irħula, ġew imħeġġa biex jaraw x'jagħmlu. Aħna, li kellna iz-zijiet joqogħdu Birkirkara, tlaqna mill-Isla bil-kwiet, u nhar Santu Kruċ ta' l-1939 ġejna noqgħodu hawn, fejn għadna sal-lum.

* * * * *

Iż-żmien jgħaddi, iżda t-tifkiriet jibqgħu. Qisu l-bieraħ. Kien il-Ħadd, it-3 ta' Settembru 1939. Kont il-Belt ma' missieri, li kull nhar ta' Ħadd kien jieħu lili u li ħija għall-quddies. Smajna lil Prim Ministru Ngliż Chamberlain iħabbar minn fuq ir-radju lid-dinja minn Londra mat-tokki tal-ħdax ta' fil-għodu tal-Big Ben, li l-gwerra kienet bdiet. Morna lejn id-dar, avolja tfal, siekta, imbeżża' u qalbna sewda. Meta wasalna, tad-dar kienu diġa semgħu l-aħbar bħalna. Il-gwerra, fl-ewwel disgħa xhur tagħha, ma laqtitniex mill-qrib, għax l-Italja kienet baqgħet newtrali. Iżda l-awtoritajiet kienu ċerti li darba jew oħra il-ġara tagħna tingħaqad mal-Ġermanja kontra l-alleati. Bdew tħejjijiet militari, u oħrajn biex iħarsu l-popolazzjoni ċivili. Bdew isiru provi tal-blackout, iddoqqu s-sireni, jgħidulna biex inżommu ħażna mdaqqsa ta' affarijiet ta' l-ikel fid-djar, iħajru lil min jista' biex jidħol fid-Difiża Ċivili, jew l-A.R.P., kif bdejna nsejħulhom, u bdew jittieħdu artijiet mill-Militar biex fihom jinbnew batteriji għall-kanuni ta' kontra l-ajruplani.

F'Birkirkara, l-ewwel ma ttieħdu kienu tliet biċċiet art fi Sqaq is-Salib,fi Triq San Ġiljan, għas-searchlights, u biċċa art kbira ftit aktar il fuq, fuq ir-riħ ta' l-Imsida,.magħrufa bħala tal-Qroqq, fejn illum hemm l-Università u fejn għadhom jidhru xi wħud mill-postijiet tal-kankos tal-kanuni. Konna naraw ajruplan żgħir, magħruf bħala Queen Bee, immexxi mir-radju u bil-kanuni jisparaw qribu jew fuq target miġbud warajh. Konna nitlgħu niġru fuq il-bejt meta konna nisimgħu il-ħoss tiegħu, li konna drajnieh. Kienu jgħidulna li d-djar tagħna huma b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu għall-bombi, u li l-aħjar postijiet tal-kenn kienu l-kantini, taħt it-taraġ, u anke taħt xi mejda b'saqqu mifrux fuqha. Kemm kellhom jitbiddlu malajr dawn l-ideat! In-naħa ta' Misraħ Lewża, lejn tal-Balal u Wied Mejxu, dak iż-żmien kollha parti mill-

*ikompli*

parroċċa ta' Birkirkara, ittieħdu barrieri u għelieqi biex iservu ta' ħażna għal petrol, żjut u munizzjon. Regolamenti bdew joħorġu wieħed wara l-ieħor: kull min kellu karrozza jew truck ried jirreġistrah, murtali tal-bomba ġew projbiti, u madwar darba fix-xahar kienu jsiru manuvri militari ma' Malta kollha matul il-lejl, bil-blackout u l-curfew, li ħadd ma seta' joħroġ minn daru waqt ċerti ħinijiet.

Wasal Ġunju ta' 1940, u smajna li fl-10 ta' xahar fil-għaxija Mussolini kellu jkellem lill-poplu Taljan minn fuq ir-radju, u lil miġemgħa f'Ruma. Kulħadd stenna x'ġej. L-Italja minn dak il-ħin daħlet fil-gwerra. Bit-Taljan ftit kont naf, iżda malajr indunajna x'qal. Waqt l-għabex, ftit wara nżul ix-xemx, kulħadd ħareġ minn daru, jitkellem minn taħt l-ilsien jistaqsi x'ġara, u wisq iżjed x'jista' jiġri. Xena li ma tmur qatt minn quddiem għajnejja fil-Pjazza tal-Knisja u s-Suq tar-Raħal — in-nies fi gruppi, nervużi, imbażża': kienet il-quċċata ta' bosta snin ta' stennija ta' dan il-mument ikrah.

Mill-loudspeaker tar-Rediffuson smajna Proklama mill-Gvernatur: "Billi waslitli l-aħbar li bdiet il-gwerra ma' l-Italja, jiena hawnhekk inħabbar lis-sudditi tal-Maesta' Tiegħu f'dawn il-gżejjer li aħna fi stat ta' gwerra, fil-waqt li bl-umiltà kollha nittamaw fit-tmexxija u l-protezzjoni tal-Provvidenza Divina, u b'tama żgura fl-għajnuna minn qalbu u fil-fedeltà magħrufa u fehma sħieħa tal-Poplu ta' Malta".

Matul il-lejl ħadd ma għalaq għajn m'għajn, u fid-dalma tal-lejla sajfija stennejna il-miġja ta' l-għadu. Ir-risposta ħadniha l-għada fil-għodu, il-11 ta' Ġunju, jum xemxi u mill-isbaħ tas-sajf Malti. Kelli erbatax-il sena, u biex nagħmilha tar-raġel niftakar li għidt lil ommi biex ma toħroġx u tmur il-quddies waħedha, għax issa bdiet il-gwerra u aħjar immur magħha. Konna qed nisimgħu il-quddiesa tas-sitta u nofs fil-parroċċa, u għal ħabta tas-sebgħa neqsin għaxra, smajna l-ispara tal-kanuni. L-għadu kien wasal. Qamet għagħa sħieħa, u ppruvajna noħorġu u mmorru niġru lejn id-dar, passejn il-bogħod. Iżda l-A.R.P. kienu għalqu l-bibien u ma ħallew lil-ħadd joħroġ, imma b'xi mod żgiċċajna, u ġrejna lejn darna. Ix-xniegħat bdew jiġru bħall-berqa. Fejn ġew il-bombi? Miet jew weġġa' xi ħadd? Min jgħid ħaġa u min jgħid oħra. Ħsiebna mar fuq missieri li kien jaħdem it-Tarzna. Laħaq wasal? Ġralu xi ħaġa? Ma kienux il-mistoqsijiet tagħna biss, iżda ta' kull min kellu niesu jaħdmu barra Birkirkara. Fl-ewwel jum tal-gwerra, Birkirkara ġarrbet l-ewwel ġrieħi tagħha, u tilfet tnejn minn uliedha: Philip Busutil, Boy Guner fl-R.M.A. ġol Forti Sant' Iermu, il-Belt li miet ma suldati sħabu b'laqta diretta ta' bomba mill-ajru, u Carmelo Galea, ta' 40 sena, impjegat mal-Water Works li ntlaqat minn sharpnel ta' bomba ħdejn il-workshops ta' Bieb il-Bombi fejn kien jaħdem, u miet iżjed tard fl-isptar matul il-jum. Għadhom kemm issemmew żewġ triqat għalihom qrib il-knisja l-Qadima.

L-Ewwel bomba li hija reġistrata li waqgħet fuq Birkirkara kien fis-6 ta' Lulju, 1940, fuq razzett Nru. 20, Triq Ganu, in-naħa ta' Triq in-Naxxar.

Għalkemm Birkirkara ma kienetx fil-linja quddiemija tal-ħbit bħal postijiet l-oħra ta' madwar il-portijiet, it-Tarzna u l-ajrudromi,

*ikompli*.

b'danakollu is-sehem tagħha ma kienx anqas importanti. Ġo fiha laqgħet eluf ta' rifuġjati, uffiċini tal-Gvern, sptarijiet u teżori ta' l-arti mill-ibliet, u kenn għall-arkivji importanti.

Fost dawn insibu l-uffiċċju tal-Public Works u tal-Water Works fl-istazzjoni il-Qadim tal-Ferrovija; ir-Reġistru Pubbliku fil-Każin Duke of Connaught; l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni f'dar imdaqqsa fi Fleur-de-Lys, u uffiċċji ta' l-ħlas ta' l-ilma u d-dawl fi Triq Brared, u oħrajn; iżda fuq kollox żewġ sptarijiet kbar wieħed bl-isem ta' Saint Francis fl-Iskola tal-Gvern li kienet għadha b'żewġ sulari, u l-ieħor, bl-isem ta' Saint Aloysius fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti. Fihom iddewwew eluf ta' feruti u morda minn Malta kollha.

Il-Gvern kien ħaseb biex iwaqqaf orga nżazzjoni għall-ħarsien tal-popolazzjoni ċivili. Birkirkara, għall-bidu kienet taqa' taħt id-distrett tar-Regional Protection Officer l-Imħallef A. Montanaro Gauci, bl-uffiċċju tiegħu fl-Imdina. Inħoloq ukoll Kumitat Distrettwali f'kull post ta' Malta, bil-president tiegħu il-kappillan tal-parroċċa. Il-president tal-Kumitat ta' Birkikara kien naturalment il-Prepostu Vella u ġemgħa ta' sinjuri Karkariżi li offrew is-servizzi tagħhom b'xejn b'għajnuna lill-Gvern u l-poplu u rifuġjati f'Birkirkara fiċ-ċirkustanzi diffiċli tal-gwerra. Qed niftakar bħal issa inċident żgħir iżda sinjifikanti għal dawk iż-żminijiet. Ftit wara l-bidu tal-gwerra ma' l-Italja, ġriet ma' kullimkien ix-xniegħa li l-Italja kienet ċediet u l-gwerra spiċċat. In-nies intilfet f'delirju ta' ferħ, iżda kienet aħbar falza, imxerrda apposta, jew bi żball. Għadni nara lil Prepostu Vella fuq gallarija fil-Pjazza, mingħalija tal-Majestic Bar, jgħid lill-poplu li ngabar bil-mijiet li l-aħbar ma kienetx minnha, biex kulħadd imur bil-kwiet lejn daru, u biex inkomplu nitolbu lil Alla, lill-Madonna u lil Santa Liena biex jeħilsuna mill-flaġell tal-gwerra.

Il-popolazzjoni, bil-miġja ta' rifuġjati mill-postijiet milquta, żdiedet b'mod li ma jitwemminx. Min madwar għaxart elef ruh, f'Mejju tal-1942 laħqet in-numru fenomenali tal-fuq minn erbgħin elf ruħ. Kważi d-djar kollha daħħlu magħhom familji refuġjati: il-Mużewijiet tad-Duttrina, l-Azzjoni Kattolika, it-Talkies, l-iskejjel u postijiet oħra imtlew bin-nies. Inħolqu problemi enormi — taqsim ta' ikel, kontroll ta' prezzijiet, l-iġjene, kuntrasti bejn familji diversi ma jafux lil xulxin u jgħammru f'dar waħda, it-trasport lejn it-Tarzna u postijiet tax-xogħol, kif ukoll problemi ta' natura morali, ikkawżati mit-taħlit u min-numru esaġerat ta' nisa u rġiel ta' kull età jgħammru taħt saqaf wieħed. Maż̇żmien, meta l-problemi tant kibru li kważi ħadd ma setgħa jimmaniġhom, inħatru żewġ Regional Protection Officers, is-Sur Inglott u s-Sur Tench, u Dr (illum Sir) Anthony Mamo bħala Protection Officer, b'żewġ assistenti is-Sur S.J. Zammit u s-Sur E. Psaila.

Ix-xogħol tal-Protection Officers kien kbir u ta' resposabilta'. Ir-regolarmenti tal-Emerġenza kienu jagħtuhom poteri li llum ftit nimmaġinawhom, iżda dawk ma kienux żminijiet normali. Kienu jilqgħu, u jqassmu lil eluf ta' refuġjati fil-postijiet kollha li kienu jsibu vojta jew li kien ikollhom l-iċken spazju għan-nies, jieħdu ħsieb li r-regolarmenti tat-taqsim tal-ikel għal-ewwel bir-razzjon u wara mill-

*ikompli*

Victory Kitchens jiġu osservati, li l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ħwienet tal-oġġetti essenzjali huma iffissati mill-Gvern, jagħtu għajnuna lin-nies li djarhom ikunu ġew milquta mill-bombi, iżuru x-xelters u jaraw li tinżamm l-ordni u li tiġi osservata l-iġjene pubblika, jgħinu lill-Puluzija, u elf ħaġa oħra li kienu jinqalgħu ta' kuljum. L-istima kbira li kienu jgawdu, minbarra naturalment xi kuntrasti li bil-fors kienu jitfaċċaw minn żmien għal żmien għada tissemma sal-lum min-nies li jiftakruhom personalment.

Għall-ewwel, ix-xelters fil-blat ma kinux jeżistu, u ġew rinfurzati l-kantini. Niftakar il-kantina taħt id-djar ta' zijiet fi Triq Santa Liena tiġi rinfurzata bil-pilastri tal-ġebel taħt is-saqajn u ċ-ċavi tal-ħnejjiet min-nies tal-Public Works. Il-kantina kienet mifruda minn ġiebja kbira u fonda mimlija bl-ilma bi ftit piedi blat. Illum nirrealizza x'kien jiġri minna li konna nieħdu kenn fil-kantina li kieku xi bomba kbira splodiet fil-ġiebja u faqgħetha kif kien ġara' f'postijiet oħra?

Meta l-attakki żdiedu fin-numru u ħraxu fl-intensita', ix-xelters fil-blat ġo Birkirkara, mimlija kif kienet b'popolazzjoni enormi, tħaffru ma' kullimkien. Ħafna nies ħaffru ix-xelter tagħhom ġo djarhom, jew għamlu xi daħla li tinfed max-xelters pubbliċi, u kienu jdaħħlu magħhom lil ħbiebhom u lil qrabathom. Għalkemm ix-xelters speċjalment dawk pubbliċi kienu mxerrda ma' Birkirkara kollha, kienu baqgħu jidhru għal ħafna żmien ilmenti fil-gażżetti dwar il-bżonn tagħhom. Kien biss fl-aħħar tal-1941 li l-Gvernatur seta' jgħid lill-Membri tal-Kunsill tal-Gvern li issa kien hemm xelters fil-blat għall-popolazzjoni kollha ta' Malta.

Matul il-gwerra, Birkirkara sofriet ukoll is-sehem tagħha tal-qilla tal-għadu. Bombi waqgħu, bini intlaqat, u numru ta' Karkariżi u rifuġjati mietu mirduma jew sfaw feruti. Niftakar djar milquta, u nies mejta u feruti, fi Triq Brared, Pjazza Santa Liena, Triq l-Imsida, Triq il-Vitorja, Triq il-Laqxija, Triq Santu Rokku, Triq it-Torri u bnadi oħra. B'xorti kbira ħafna bombi waqgħu fil-bosta raba' li dak iż-żmien kien għadu jeżisti madwar Birkirkara kollha. L-akbar disgrazzja kienet bla dubju dik li ġrat għodwa fi Triq Santu Rokku, ftit l-isfel mill-knisja ta' l-istess isem, meta bomba kbira, mitfugħa mill-ajru fil-lejl ta' qabel, tħalliet mhux sploduta f'nofs it-triq, u splodiet fil-għodu, il-31 ta' Lulju 1942, meta l-inħawi kienu mimlija bin-nies sejrin għax-xogħol jew għaddejjin għall-affari tagħhom. Mhux anqas minn tlettax il-ruħ sfaw mejta, u bost oħrajn feruti gravi, kif għadu jidher sal-lum minn irħama kommeomorativa mwaħħla ma' l-istess knisja snin wara. Ma ninsa qatt dik ix-xena tal-biża' nies mejta ma' l-art mgħarrqa f'demmhom, oħrajn imbiċċra b'mod li jwaħħax jinġarru lejn l-għassa tal-Puluzija minn voluntieri, riħa ta' porvli, daħna u trab, gzuz ta' ġebel u terrapien mill-bini tad-dawra. Disgrazzja li setgħet ġiet evitata kieku l-bomba tneħħiet mal-lejl, jew li kieku id-djar ġew evakwati u t-triqat magħluqa b'mod serju. Il-ħġieġ tat-twieqi tal-korsija tal-Parroċċa inkiser, u ħija kien wieħed minn dawk li korra bil-ħġieġ miksur u ttieħed il-Berġa biex jiddewwa.

L-għajnuna spiritwali f'Birkirkara matul il-gwerra mhux talli ma kienetx nieqsa, iżda fil-fatt żdiedet ħafna. Dan, minħabba il-kwantità

*ikompli*

kbira ta' saċerdoti, barra dawk tal-post, li kienu rifuġjati hawnhekk malfamilji tagħhom, u li kienu jqaddsu fil-knejjes kollha ta' kuljum, anke filknejjes iż-żgħar, u jagħtu minn qalbhom l-għajnuna kollha possibbli tant spiritwali kif ukoll materjali lil kull min kien jinħtieġ. Immexxijin minn dak is-saċerdot qalbieni u veteran tal-Knisja Maltija, ta' dixxiplina u fermezza, iżda fl-istess ħin ta' qalb kbira u ħanina, il-Prepostu Vella, dawn il-qassisin u patrijiet taw aktar minn sehemhom għall-ġid tal-Karkariżi u r-rifuġjati.

Fil-parroċċa ta' Santa Liena inġiebu teżori ta' l-arti mill-knejjes, u flistess ħin ta' mħabba u sentiment reliġjuż ta' żewġt ibliet milquta sew bil-gwerra. Il-Bambina ta' l-Isla, għadni naraha quddiem għajnejja, f'Jannar tal-1941, imkebba' f'liżar fuq truck tal-R.M.A., u magħha, jibki bħal-tarbija, l-Arċipriet ta' l-Isla, Dun Manwel Brincat, jikkunsinaha għall-ħarsien mill-qerda, sakemm jaslu żminijiet aħjar, lill-Parroċċa ta' Bikirkara, flimkien ma xi oġġetti tal-fidda, u ftit wara l-istatwa mirakoluża tar-Redentur. Fil-Pjazza inġbarna naraw il-Bambina nieżla minn fuq it-truck tal-miltar minn suldati Maltin mislufa mill-Kurunell Vella, u bkejna ma' l-Arċipriet, u dak il-ħin għaddiet minn moħħna dik il-għanja popolari li kull sena, fil-festa tagħha, konna inkantaw bil-ferħ:

Fuqna xerred, O Marija,  
L-akbar grazzji nitolbuk,  
Biex ki f aħna bik niftaħru,  
Hekk tassew aħna inħobbuk.

Ftit qabel it-8 ta' Settembru, 1943, il-Bambina ittieħdet lura l-Isla, u waqt li kienet ix-Xatt fil-purċissjoni, tħabbar minn fuq frejgata Ngliża ankrata hemmhekk li l-Italja kienet ċediet. Miraklu ċar tal-Madonna f'Jum Twelidha. Dnub li l-istatwa tal-Bambina ma ttieħdietx lura l-Isla bil-mod solenni li kien jixraq.

Birkirkara kellha wkoll ix-xorti, u r-resposabiltà, li tilqa' fi ħdanha l-istatwa mhux anqas famuża u devota tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Waqt wieħed mill-attakki qawwijja fuq l-aircraft carrier Illustrious f'Jannar ta' l-1941, waqgħet mine eżatt wara s-Santwarju ta' Bormla, li bi grazzja kbira ma spodietx. Il-Kapitlu ta' Bormla, iddeċieda li jieħu l-istatwa ta' l-Immakolata u l-Kwadru Tagħha inkoronat, f'post iżjed żgur. Fl-24 ta' Jannar, ittieħdu Birkirkara. Bil-permess ta' l-Arċisqof, il-Kpitlu ta' Bormla għamlu wegħda li jekk is-santwarju tagħhom jibqa' wieqaf, jieħdu l-vara u l-kwadru lura lejn Bormla b'pelegrinaġġ solenni. Fid-19 ta' Novembru 1944, meta l-gwerra kienet tbiegħdet sewwa u t-talba tal-Bormliżi kienet mismugħa, f'waħda mill-akbar manifestazzjonijiet ta' fidi li qatt rat Malta, l-istatwa u l-kwadru tal-Kunċizzjoni ittieħdu lura lejn darhom f'pelegrinaġġ storiku li fih ħadet sehem Malta kollha, speċjalment il-Bormliżi, f'att ta' fidi u ringrazzjament lil Alla li permezz tal-Madonna stess, kellhom ix-xorti li jarawhom qawwijin u sħaħ mill-ġdid lura fis-Santwarju, li għalkemm imdawwar minn mijiet ta' bombi, baqa' bla mittiefes. Birkirkara ħassitha bir-raġun kburija li għal aktar minn tliet snin ħarset b'għożża teżori hekk kbar u tant għall-qalb ħuthom anqas ixxurtjati minnhom.

*ikompli*

Għall-bidu tal-gwerra l-iskejjel għalqu, iżda ftit wara, reġgħu bdew bil-mod jinfetħu, u Birkirkara riedet taħseb mhux biss għat-tfal tagħha iżda wkoll, għall-eluf tat-tfal tar-rifuġjati. Infetħu klassijiet kważi fil-knejjes kollha: niftakar is-Sagristija tal-Parroċċa, l-Awla Kapitolari fejn it-tfal ma kienux jitħallew jiktbu bil-linka biex tiġi evitata il-ħsara; il-Knisja il-Qadima li parti minna issaqfet bil-pjanċi taż-żingu u bosta oħrajn. Dan, minbarra bosta djar privati, il-Mużew tal-bniet, l-Azzjoni Kattolika, dar fi Sqaq Qrejżu li damet użata għal skola għal ħafna żmien, u niftakar ukoll, kamra fid-dar ta' zijiet fejn ħuti ż-żgħar kienu jmorru l-iskola f'darhom stess.

* * * * *

Kienu żminijiet koroh u tal-biża': il-mewt magħna kuljum, il-mard, il-ġuħ, il-karba tas-sireni, id-dehra familjari tad-dmija mxerrda, ir-rieħa ta' l-umdità u l-foga ta' l-egħluq ġox-xelters, it-tisfir tal-bombi, it-tomgħa tat-trab ta' dawk li darba kienu djarna, is-silenzju tal-qniepen: kienu ħwejjeġ li għixna magħhom għal kważi erba' snin. Iżda kien hemm l-aspett pożittiv: il-poplu, imdawwar b'din it-traġedja waħxija, kien għaqda waħda fil-ħsieb u fil-fatti, kien sinċier miegħu in-nifsu, kien iħobb u jgħin li għajru, u l-firda ma kienx jaf x'inhi. X'tagħlima għaż-żminijiet li kellna naraw wara!





**45, St. Helen Square, B'Kara.**
**Tel: 42807**